MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Numru 284/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**VS**
**ISMAEL HABESH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ismael Habesh ta’ 35 sena, iben Omar Habesh u Bornija nee’ Xduri, mwieled Tripoli fl-1 ta’ Jannar 1971, li joqghod fil-fond Flat 3, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 15771A.

Billi huwa akkuzat talli fil-5 ta’ Dicembru 2004, fi Triq l-10 ta’ Frar San Pawl il-Bahar, bil-lejl, ikkommetta serq ta’ oggetti, li l-valur globali taghhom jecceddi s-somma ta’ mitt Lira Maltin izda inqas minn elf Lira Maltin, minn go vettura ta’ l-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni JMS 002, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ James Mercieca.

Illi fl-istess data, lok u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur.

Illi sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Kif ukoll talli kiser il-provedimenti tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta’ Malta nhar l-24 ta’ Jannar 2003.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Genrali (a fol 26) u dak ta’ l-imputat (a fol 21) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Michael Mallia, jirrizulta illi fil-5 ta’ Dicembru 2004, Paul Mercieca kien irraporta serq mill-vettura tieghu Toyota Hilux JMS 002, ta’ digital camera HP Photo Smart, Nokia free hands equipment valur ta’ LM145.

Minn informazzjoni kunfidenzjali l-pulizija waslu ghall-imputat li rrilaxxa stqarrija Dok. MM1 a fol 27 et sequitur.

F’din l-istqarrija l-imputat Habesh jichad kull involviment, volontarjament ta l-fingerprints tieghu, nnega li qatt mess

il-van involut anke wara li l-pulizija haduh fuq il-post fejn kien ipparkjat il-van meta twettqet is-serqa. Meta gie nfurmat li nstabu l-impronti digitali, xorta baqa’ jinnega.

L-Ispettur Michael Mallia esebixxa sentenzi, Dok. MM2 a fol 30 et sequitur, Dok. MM3 a fol 33 et sequitur u Dok. MM4 a fol 40 et sequitur.

Ivania Balzan, a fol 46, mill-Ufficcju Elettorali ezebiet il-karta ta’ l-identita’ tal-imputat (Dok. IB).

PC 1525 Patrick Farrugia ezebixxa l-lifters tal-impronti digitali elevati mill-karozza tal-kwerelant (JMS 002) bhala Dok. PF1 – 6.

Dawn l-impronti gew elevati mill-weather strip ta’ hgiega tal-bieba leminija ta’ wara u ohra fil-parti ta’ isfel tal-istess bieba dejjem fin-naha ta’ barra tal-karozza ( fol 51).

PC 342 Said a fol 55 ezebixxa l-okkorrenza Dok. PS tas-serq indikat fl-akkuza.

A fol 63 l-Ispettur Christopher Pullicino identifika lill-imputat ai fini ta’ sentenza Dok. MM4 ezebita a fol 40 et sequitur.

A fol 64 l-Ispettur Carmelo Magri identifika lill-imputat ai fini ta’ sentenza Dok. MM2 a fol 30 et sequitur.

L-impronti digitali u palmari ta’ l-imputat gew mehuda fil-prezenza tal-Qorti minn PS 1238 Clive Brimmer u gew ezebiti bhala Dok. CBX 1 u Dok. CBX 2 (ara fol 65 u fol 66 d-dokumenti CBX 1 u 2 flimkien mal-lifters PF1 sa 6 gew mghoddija lil Joseph Mallia ghal analizi komparattivi.

Joseph Mallia a fol 68 et sequitur ezebixxa r-rapport tieghu Dok. JM u kkonferma li l-lifter 04DF4302 – 3 l-ewwel impronta qablet ma sebgha ta’ nofs tal-imputat u l-impronta l-ohra qablet mas-seba tac-curkett tal-imputat tal-id ix-xellugija.
A fol 69 Joseph Mallia xhed illi huwa fehem illi l-lifters gew elevati mill-parti estera tal-vettura in kwistjoni.

PC 1337 Kevin Curmi ikkonferma li kien mar ma l-imputat fi Triq 10 ta' Frar, San Pawl il-Bahar u staqsieh jekk kienx mess xi van tal-marka Toyota Hilux f'dawk l-inhawi u l-imputat kien wiegeb fin-negattiv. In kontro ezami PC 1337 xhed illi dan ma giex imnizzel bil-miktub dak il-hin stess u li huwa ma tahx warning.

James Mercieca kkonferma s-serqa mill-vettura tieghu JMS 002 u li l-vettura kellha hsara fuq il-bieba tax-xufier, cioe' kellha s-serratura mkissra, il-handle, il-weather strip u tghawig tal-bieba.

Is-serq kien jikkonsisti f'Nokia free hands equipment u digital camera valur ta' madwar LM140.

PC 1111 Joseph Seguna kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat Habesh a fol 27.

L-imputat ghazel li ma jixhedx u ma ressaq ebda prova in difeza ghajr sentenza Pul vs. Jonathan Taliana datata 29 ta' Jannar 2010.

Ikkonsidrat:

Il-provi tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz iserrhu unikament fuq zewg impronti digitali misjuba <u>fuq il-parti estera</u> tal-karozza li sfat mira ta' serq – cioe van Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni JMS 002 – li jaqblu ma dawk ta' l-imputat. Fl-istqarrija tieghu l-imputat iddikjara li ma jafx u ma jiftakarx jekk marx qabel f'dawk l-inhawi izda jishaq li qatt ma mess mal-van imsemmi.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza Pulizija vs. Anthony Ablea preseduta mill-Imhallef Patrick Vella deciza fit-28 ta' Mejju 1998, tafferma:

"*Huwa veru dak li qed jghid l-appellant li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-prosekuzzjoni legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova*

*wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata;*

*Izda jidher hawn li l-appellant qed jiggeneralizza wisq u dak li qed jghid ma jistax jigi applikat f'kull kaz b'mod assolut;*

*Fil-kaz in ezami, din l-impronta digitali ta' l-appellant instabet fuq il-post tas-serqa. Dan mhux ikkontestat, izda ghandu jigi kkunsidrat li dan il-post huwa hanut, u ghalhekk post espost ghall-pubbliku fejn ta' kuljum imorru n-nies u li certament hafna minnhom ihallu t-tracci taghhom warajhom hemmhekk, tracci bhal ma huma fingerprints. Dan ifisser, allura, li kull min halla l-marka tas-swaba tieghu hemm hekk bilfors ghandu jkun suspettat tas-serqa li saret minn dak il-hanut? F'kaz fejn ghandek post pubbliku bhal hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dan ta' kuljum huma ffrekwentati minn mijiet ta' nies, certament ma jistax jinghad li legalment is-sejba ta' marka ta' swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex issib htija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn min effettivament hi dik il-persuna;*

*Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat li nstabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahhlu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz, il-prova tal-fingerprint wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti tista' ssib htija. Izda fil-kaz ta' postijiet pubblici, din il-prova tinnecessita' korroborazzjoni, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti."*

Illi impronti digitali fuq karozza pparkjata fit-triq f'San Pawl il-Bahar certament jikkonfiguraw taht impronti digitali misjuba f'post pubbliku.

Ghalhekk, f'nuqqas ta' xi evidenza korraborattiva ohra l-Qorti hi tal-fehma li: "*it would be at once unsound and unwise"* li tankra l-htija fuq evidenza hekk fjakka.

Fil-kaz in ezami, lanqas almenu jikkonkorri l-fatti msemmija fil-kawza Pulizija vs. Jonathan Felice, deciza fid-29 ta' Jannar, 2010 fejn l-impronti digitali nstabu fuq il-parti ta' gewwa tal-karozza li fuqha sehh is-serq.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skont l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------